

31978R1562

7.7.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 185/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1562/78****tad-29 ta' Ġunju 1978****li jemenda r-Regolament Nru 136/66 KEE dwar l-istabbiliment ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi l-iskop ta' l-organizzazzjoni tas-suq taż-żejt taż-żebugħ hija maħsuba biex iżżomm il-livell ta' konsum ta' dak il-prodott fil-Komunità, wara li kkunsidrat il-kompetizzjoni miż-żjut veġetali l-oħra, u biex tassigura li l-produtturi jirċievu dħul ġust għall-ammont ta' żejt taż-żebugħa li jkun attwalment prodott;

Billi l-esperjenza wriet li s-sistema preżenti ta' l-ghajjnuna għall-produzzjoni mhix konsistenti ma' l-oġġettivi imsemmija hawn fuq; billi din tipprovd i għal diversi miżuri ta' kontroll li, minħabba l-kumplessitajiet tagħhom u l-ammont konsiderevoli ta' produtturi kkonċernati, huma diffiċli biex jiġu applikati u jwasslu għall-dewmien konsiderevoli fil-ħlas ta' l-ghajjnuna;

Billi fis-sinjori riċenti l-konsum taż-żejt taż-żebugħa fil-Komunità naqas sostanzjalment minħabba d-differenza fix-xejriet tal-prezzijiet bejn iż-żejt taż-żebugħa u żjut oħra kompetittivi; billi s-sistema preżenti ta' l-ghajjnuna ma tidhirx li hi addattata biex ttejjegħ il-konsum taż-żejt taż-żebugħa; billi din tista', apparti minn hekk, toħloq problemi oħra fl-istadju tal-produzzjoni;

Billi, għalhekk, għandha tiddaħħal sistema ġdida, li tipprovd i għall-għoti ta' l-ghajjnuna għall-konsum biex ikun assigurat li ż-żejt taż-żebugħa ikun mibjugħ bi prezzijiet li huma kompetittivi mal-prezzijiet taż-żjut miż-żrieragħ;

Billi, sabiex tassigura li s-sistema ta' l-ghajjnuna tal-konsum hija amministrata b'mod effiċjenti, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex jgħinu fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' l-ghajjnuna li trid

tkun mogħtija lil xi organizzazzjoni tal-kummerċ taħt il-kontroll ta' l-Istat Membru kkonċernat; billi, sabiex ikun assigurat l-operat sewwa ta' dik l-organizzazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex tiffaċilita li tkun imposta fuq dawk li jgawdu mill-benefiċċji ta' din l-ghajjnuna;

Billi, minħabba li l-ghajjnuna msemmija hawn fuq sejra tkun illimitata għall-ammonti mibjugħa fis-suq tal-Komunità, dispożizzjoni għandha ssir biex tingħata għajjnuna tal-produzzjoni b'rata fissa biex tagħmel tajjeb għal-limitazzjoni ta' l-ghajjnuna tal-konsum fuq l-ammonti msemmija; billi, biex ma jkunx hemm żidiet strutturali, din l-ghajjnuna tal-produzzjoni trid tingħata biss fil-każ taż-żoni mħawla bis-siġar taż-żebugħ fid-data li tidħol fis-seħħ is-sistema l-ġdida;

Billi, biex ikun jista' jinkiseb bilanċ bejn il-provvista u d-domanda, ikun xieraq li jittieħdu miżuri biex itejbu l-kwalità tal-produzzjoni u biex iħajru l-bejgħ u l-konsum; billi jrid ikun stabbilit li l-ispejjeż li jkunu involuti bħala riżultat ta' miżuri bħal dawn għandhom ikunu merfugħa mill-produtturi u dawk kollha li jgawdu minn dawk il-miżuri;

Billi l-prezz fil-mira tal-produzzjoni u s-sistema ta' l-ghajjnuna tal-produzzjoni jstgħu jilhq u l-ghajjniet tagħhom biss jekk il-prezz li bih il-produttur ibiegħ iż-żejt tiegħu fis-suq huwa qrib kemm jista' jkun tal-prezz fil-mira tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' l-ghajjnuna msemmija hawn fuq; billi mekkaniżmi ta' stabbiltà għandhom għalhekk ikunu pprovduti fil-Komunità;

Billi l-istabbiltà mixtieqa tista' tinkiseb billi l-produtturi jew grupp ta' produtturi jkunu megħjuna li joffru ż-żejt taż-żebugħa lill-aġenziji kompetenti ta' l-Istati Membri; billi dik il-possibbiltà trid tkun ristretta għal dawn il-kategoriji biex iżżomm lura liż-żejt impurtat u liż-żejt li għalih tħallset l-ghajjnuna tal-konsum milli jkun offrut għall-intervent;

<sup>(1)</sup> ĠU C 108, tat-8.5.1978, p. 49.

Billi, biex jippromwovu l-kummerċ organizzat tal-produzzjoni tal-Komunità, is-sistema ta' żidiet fix-xahar għandha tkun rilaxxata; billi, għall-istess skop, dispożizzjoni għandha ssir għall-adozzjoni ta' miżuri speċjali ta' l-intervent fl-aħħar tas-sena tas-suq;

Billi r-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1419/78<sup>(2)</sup>, stabbilixxa li l-imposta li għandha tkun imposta fuq l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa apparti milli fuq dak mhux ittrattat, li l-komponent varjabbli tiegħu kellu jkun akkwistat mill-imposta applikabbli għall-ammont ta' żejt taż-żebbuġa li mhux trattat meħtieġ għall-produzzjoni tiegħu; billi l-esperjenza wriet li x-xejra fis-suq dinji fiż-żjut apparti minn dawk mhux ittrattati ma tkunx taqbel max-xejriet taż-żjut mhux ittrattati; billi din id-diverġenza tista' twassal għal tfixkil fis-suq tal-Komunità; billi sabiex tkun irrimedjata din is-sitwazzjoni għandha ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà li tkun iffissata imposta li tqis is-sitwazzjoni tas-suq taż-żejt apparti minn dak mhux ittrattat;

Billi l-possibbiltà li tkun iffissata imposta speċjali għaż-żejt apparti minn dak mhux ittrattat tirrendi li s-sistema ta' l-ammonti ta' kumpens fil-każ ta' dak iż-żejt ma tkunx aktar meħtieġa;

Billi, fil-każ tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2843/76 tat-23 ta' Novembru 1976 li jstabbilixxi miżuri speċjali b'mod partikolari biex ikunu ddeterminati l-offerti għaż-żejt taż-żebbuġa fis-suq dinji<sup>(3)</sup> b'deroga mis-sistema ta' l-iffissar ta' l-imposta fuq il-bażi tal-prezz *cif* billi jkun provvediment għall-imposta biex tkun iddeterminata permezz ta' proċedura ta' l-offerti;

Billi d-diffikultajiet biex tkun evalwata l-qagħda vera tas-suq, li kienu dawk li wasslu għall-introduzzjoni ta' din is-sistema speċjali, għandhom tendenza li jerġgħu jinqalgħu fil-ġejjieni; billi, għalhekk, dispożizzjoni għandha ssir biex jerġa' jkun hemm il-possibbiltà li jirrikorru għal din is-sistema, wara l-waqfien ta' l-applikazzjoni tas-sistema oriġinali biex ikunu stabbiliti l-levies;

Billi l-volum ta' kummerċ internazzjonali fiż-żebbuġ u l-ghaġġen taż-żejt u residwi oħra huwa żgħir wisq meta mqabbel mal-kummerċ taż-żjut taż-żebbuġa; billi, biex l-amministrazzjoni tkun aktar faċli, is-sistema ta' l-offerti għal imposta għandha tkun ristretta għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa;

<sup>(1)</sup> ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

<sup>(2)</sup> ĠU L 171, tat-28.6.1978, p. 8.

<sup>(3)</sup> ĠU L 327, tas-26.11.1976, p. 4.

Billi, għall-istess għan, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun hemm il-possibbiltà li jkunu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema msemmija l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li m'għandhomx effett fuq il-kummerċ internazzjonali f'dak il-prodott;

Billi l-formazzjoni ta' gruppi ta' produttori fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa jistgħu jgħinu biex titħaddem sew is-sistema ta' l-ghajjnuna tal-produzzjoni, speċjalment billi l-produttori jkunu involuti f'ċerti aspetti tat-tmexxija tas-sistema msemmija; billi, biex gruppi rikonoxxuti jkunu jistgħu jiksbu dawk l-għanijiet, waħda mill-kondizzjonijiet għall-għarfien trid tkun l-obbligu għall-grupp li jidħol għal ċerti ħidmiet marbuta mat-tħaddin tas-sistema; billi, skond il-biċċiet ta' xogħol mogħtija lill-gruppi rikonoxxuti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/78 tad-19 ta' Ġunju 1978 dwar gruppi ta' produttori u l-assoċjazzjonijiet tagħhom<sup>(4)</sup>, trid tingħata għajjnuna lill-membri tagħhom proporzjonalment ma' l-ammont ta' żejt li jkunu tassew iproduċew;

Billi, skond il-karatteristiċi tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa u l-ħidmiet speċifiċi mogħtija lill-gruppi, iridu jiġu stabbiliti miżuri oħra biex il-formulazzjoni u t-tħaddim ta' dawk il-gruppi jkun iżjed faċli;

Billi, biex tkun assigurata aktar stabbiltà fis-suq, għandha ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà biex gruppi ta' produttori jikkonkludi l-kuntratti tal-ħażna skond ċerti kondizzjonijiet;

Billi, biex ikun assigurat li s-sistemi ta' l-ghajjnuna msemmija hawn fuq ikunu mħaddna sew, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jimponu sanzjonijiet fil-każ ta' xi ksur,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Artikolu 1 sa 20 tar-Regolament Nru 136/66/KEE għandu jkun mibdul bl-Artikoli li ġejjin:

#### "L-Artikolu 1

1. Għandha tkun stabbilita organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ taż-żejt, frott oleaġenju, żjut u xaħmijiet veġetali, u żjut u xaħmijiet tal-ħut jew mammiferi tal-baħar.

2. Dan ir-Regolament għandu jkopri dawn il-prodotti li ġejjin:

<sup>(4)</sup> ĠU L 166, tat-23.6.1978, p. 1.

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni
(a) 12.01 B	Żrieragħ taż-żejt u frott oleaġeniku, sħiħ jew imfarrak apparti milli għaż-żriegħ
(b) 12.02	Tqiq u smida taż-żrieragħ taż-żejt jew frott oleaġeniku, bix-xaħam mhux imneħħi minnu (eskluż it-tqiq tal-mustarda)
15.04	Xaħmijiet u żjut, tal-ħut u l-mammiferi marini, sew jekk raffinati u anki jekk le
15.07 B, C, D	Żjut veġitali mbaqqta, likwidu jew solidi, irraffinati jew ippurifikati, eskluż iż-żejt taż-żebbuġa
15.12	Żjut u xaħmijiet ta' l-annimali jew veġitali, sħaħ jew parzjalment idroġenizzati, jew solidifikati jew imwebbsa b'xi proċess ieħor, sew jekk raffinati u anki jekk le, imma mhux aktar ippreparat
15.13	Marġerina, imitazzjoni tax-xaħam u xaħmijiet oħra ippreparati tajbin għall-ikel
15.17 B II	Residwi li jirriżultaw mit-trattament ta' sustanzi xaħmija jew xemgħat mill-annimali jew veġitali, esklużi dawk li jkun fihom żejt li jkollu l-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa
23.04 B	Mgħaqqad taż-żjut u residwi oħrajn (apparti milli t-tartru) li jirriżulta mill-estrazzjoni taż-żjut veġitali, eskluż il-mgħaqqad taż-żjut u residwi oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.
(c) 15.07 A	Żejt taż-żebbuġa
(d) 07.01 N	Żebbuġ, frisk jew imkessaħ
07.02 A	Żebbuġ (sew jekk imsajjar u anki jekk le), ippriservat fl-iffriżar
07.03 A	Żebbuġ proviżjonalment ippriservat fis-salmura, filma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet oħrajn ta' preservazzjoni, imma li ma hux speċifikament ippreparat għal-konsum immedjat
ex 07.04 B	Żebbuġ imqadded, imnixxef jew evaporat, sħiħ, imqatta', imfellel, miksor jew magħmul trab, imma mhux aktar ippreparat
(e) 15.17 B I	Residwi li jirriżultaw mit-trattament ta' sustanzi xaħmija jew xemgħat mill-annimali jew veġitali, li jkun fihom iż-żejt li jkollu l-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa
23.04 A	Mgħaqqad taż-żejt u residwi oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa

## TITOLU I

## Kummerċ

## Artikolu 2

1. Fil-każ tal-prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1(2)(a), (b) u (d), bl-eċċezzjoni ta' dawk li jaqgħu taħt is-subintestaturi 07.01 N II u 07.03 A II tat-Tariffa Komuni Doganali, u għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 23.04 A I, it-Tariffa Komuni Doganali għandha tkun applikata.

Fil-każ tal-prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1(2)(c) u (e), apparti minn dawk li jaqgħu taħt is-subintestatura 23.04 A I, u għall-prodotti li jaqgħu taħt is-subintestaturi 07.01 N II u 07.03 A II tat-Tariffa Komuni Doganali, sistema ta' *levies* fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi għandha tkun applikata.

2. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tat-Tariffa Komuni Doganali u r-regoli speċjali għat-twettiq taqgħha għandhom japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun inkorporata fit-Tariffa Komuni Doganali.

## Artikolu 3

1. Ħlief jekk m'hemmx provvediment mod ieħor f'dan ir-Regolament jew mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, dawn li ġejjin għandhom ikunu pprojbti fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi:

- l-imposizzjoni ta' kull piż li jkollu effett ekwivalenti għad-dazju doganali;
- l-użu ta' xi tip ta' restrizzjoni kwantitativa jew miżura li jkollha l-istess effett.

Ir-restrizzjoni tal-liċenzji ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 19 għall-kategorija speċifika ta' dawk intitolati li jirċevuhom għandha tkun waħda mill-miżuri li titqies li għandha effett ekwivalenti ta' restrizzjoni kwantitativa.

2. Meta l-prodotti li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) huma impurtati minn pajjiżi terzi f'ċerti l-kwantitajiet u taħt ċerti kondizzjonijiet li jistgħu jippreġudikaw jew jheddu li jippreġudikaw serjament l-interessi tal-produtturi tal-Komunità tal-prodotti li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1, ammont kumpensatorju jista' jkun impost fuq l-importazzjoni.

Ammont kumpensatorju jista' jkun impost ukoll fuq l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) billi, bħala riżultat ta' sussidji diretti jew indiretti jew ta' laġġju mogħtija għal dawk il-prodotti minn pajjiżi terzi

wieħed jew aktar, jew bħala riżultat ta' miżuri ekwivalenti, l-offerti attwali ta' dawk il-prodotti li ma jkunux jikkorrispondu mal-prezzijiet li pjuttost jiddominaw fil-każ ta' nuqqas ta' dawk il-miżuri jew prattiċi u meta din is-sitwazzjoni toħloq jew thedded li toħloq preġudizzju serju fuq il-produzzjoni tal-Komunità tal-prodotti kkonċernati.

L-introduzzjoni ta' dawk l-ammonti kumpensatorji għandha tirispetta l-impenji internazzjonali milħuqa bejn l-Istati Membri u l-Komunità. L-ammonti għandhom ikunu stabbiliti skond ir-regoli adottati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

## TITOLU II

## Żejt taż-żebbuġa

## Artikolu 4

1. Dan li ġej għandu jkun stabbilit kull sena għall-Komunità:

- (a) qabel l-1 ta' Awissu għas-sena tas-suq fil-bidu tas-sena ta' wara: prezz b'mira tal-produzzjoni u prezz ta' l-intervent għaż-żejt taż-żebbuġa;
- (b) qabel l-1 ta' Ottubru għas-sena segwenti tas-suq: prezz tas-suq rappreżentattiv u prezz tal-bidu għaż-żejt taż-żebbuġa.

B'dan kollu, meta jkun hemm bidla konsiderevoli waqt is-sena tas-suq fil-fatturi li ntużaw biex ikun iddeterminat il-prezz rappreżentattiv tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa, jista' jkun deċiż, skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 38, biex jinbidel il-prezz rappreżentattiv tas-suq u l-prezz tal-bidu waqt is-sena tas-suq.

2. Dawn il-prezzijiet għandhom ikunu stabbiliti fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa biex ikun hemm kwalità standard taż-żejt li taqbel mad-deskrizzjonijiet fl-Anness.

3. Is-sena tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa għandha tibda fl-1 ta' Novembru u se tintemm fil-31 ta' Ottubru tas-sena ta' wara.

4. Il-prezzijiet li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 (a) u l-kwalità standard li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 2 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

Il-prezzijiet li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 (b) għandhom ikunu adottati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni. L-istess proċedura għandha tintuża biex ikunu adottati r-regoli ġenerali ta' l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

## Artikolu 5

1. Għandha tkun introdotta għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Din l-għajnuna, uniformi fl-ammont fil-Komunità kollha, għandha tkun stabbilita kull sena qabel l-1 ta' Awissu għas-sena tas-suq li tibda s-sena ta' wara, skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat. L-għajnuna, li hija ddisinjata biex tgħin fl-iffissar ta' dħul xieraq għall-produtturi, għandha tkun stabbilita billi jittieħed akkont ta' l-effett ta' l-għajnuna tal-konsum li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 11, fuq parti mill-produzzjoni biss.

2. L-għajnuna għandha tingħata:

- lill-kultivaturi li huma membri ta' grupp ta' produtturi rikonoxxut skond ir-Regolament (KEE) Nru 1360/78, fuq il-bażi tal-kwantità ta' żejt attwalment iproduċut minnhom,
- lill-kultivaturi l-oħra, fuq il-bażi tan-numru u l-potenzjal tal-produzzjoni tas-siġar taż-żebbuġ li huma jkabbru u tal-qtugħ minn dawk is-siġar kif stabbilit skond rata fissa, u basta li ż-żebbuġ imkabbar kien attwalment maqtugħ.

L-għajnuna għandha b'dana kollu tingħata biss fir-rigward ta' żoni mħawla bis-siġar taż-żebbuġ fl-31 ta' Ottubru 1978.

3. Gruppi ta' produtturi rikonoxxuti jistgħu jgħinu biex jintlaħaq il-potenzjal ta' produzzjoni u l-qtugħ li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 2.

4. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Skond l-istess proċedura l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jalloka persentaġġ li għandu jkun iddeterminat ta' għajnuna tal-produzzjoni intiża għall-produtturi kollha jew uħud minnhom biex jiffinanzja miżuri reġjonali għat-titjib fil-kwalità tal-produzzjoni taż-żebbuġ.

5. Ir-regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 38 u fejn xieraq skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament ta' l-istrateġija agrikola komuni<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2788/72<sup>(2)</sup>.

## Artikolu 6

Il-prezz tal-mira tal-produzzjoni għandu jkun stabbilit flivell li huwa ġust għall-produtturi, billi jittieħed akkont tal-ħtieġa li l-produzzjoni tal-Komunità tinżamm fil-livell meħtieġ.

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 295, tat-30.12.1972, p. 1.

## Artikolu 7

Il-prezz rappreżentattiv tas-suq għandu jkun stabbilit fuq livell li jagħti lok biex jinbiegħ iż-żejt taż-żebbuġa iproduċut, billi jittieħed akkont tal-prezzijiet tal-prodotti kompetittivi, u b'mod speċjali x-xejra probabbli ta' dawk il-prezzijiet matul is-sena tas-suq, u l-inċidenza taż-żidiet fix-xahar li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 10 fil-prezz taż-żejt taż-żebbuġa.

## Artikolu 8

Il-prezz ta' l-intervent għandu jkun ugwali għall-prezz tal-mira tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' l-għajnuna tal-produzzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 5 u ammont li jagħti lok għal ċaqliq fis-suq u għall-prezz tat-trasport taż-żejt taż-żebbuġa miż-żoni tal-produzzjoni għaż-żoni tal-konsum.

## Artikolu 9

Il-prezz tal-bidu għandu jkun stabbilit b'tali mod li l-prezz tal-bejgħ għall-prodott impurtat fuq il-punt tal-qsim tal-fruntiera tal-Komunità għandu jkun l-istess bħall-prezz rappreżentattiv tas-suq, billi jittieħed akkont ta' l-effett tal-miżuri li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 11(3). Il-punt tal-qsim tal-fruntiera għandu jkun stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 10

Biex il-bejgħ jista' jkun imqassam, il-prezz rappreżentattiv tas-suq, il-prezz ta' l-intervent u l-prezz tal-bidu għandhom ikunu miżdjuda kull xahar għall-inqas għal ħames xhur, li jibdew mill-1 ta' Jannar, b'ammont li għandu jkun l-istess għat-tliet prezzijiet.

Iż-żidiet ta' kull xahar, li għandhom ikunu l-istess għal kull xahar, għandhom ikunu stabbiliti kull sena mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, billi jittieħed akkont ta' l-ispejjeż medji tal-ħażna u l-ħlasijiet ta' l-imgħax fil-Komunità.

## Artikolu 11

1. Meta il-prezz tal-mira tal-produzzjoni li minnu tkun imnaqsa l-għajnuna tal-produzzjoni jeċċedi l-prezz rappreżentattiv tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa, għajnuna tal-konsum għandha tingħata għaż-żejt taż-żebbuġa iproduċut u mibjugħ fil-Komunità. L-għajnuna għandha tkun ugwali għad-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti.

2. Meta organizzazzjoni tal-kummerċ taħt il-kontroll ta' l-Istat Membru kkonċernat tingħata r-responsabbiltà li tamministra l-ftehim ta' l-għajnuna tal-konsum, l-Istat Membru f'dan il-każ jista' jawtorizza lill-korp bħal dak biex jimponi piż mir-riċevituri ta' l-għajnuna, miżata li tkopri l-ispejjeż marbuta ma' l-amministrazzjoni ta' dak il-ftehim.

3. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi kull sena qabel l-1 ta' Ottubru għas-sena tas-suq segwenti l-persentaġġ ta' l-għajjnuna tal-konsum li għandha tkun allokata għall-kampanji ta' pubbliċità u possibbilment għall-proġetti l-oħrajn sabiex iħeġġu l-konsum taż-żejt taż-żebbuġa fil-Komunità.

4. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u b'mod partikolari dawk marbuta mal-verifika ta' l-eliġibbiltà għall-għajjnuna; dik il-verifika trid fil-prinċipju tkun marbuta maż-żejt taż-żebbuġa pproduċut fil-Komunità u maż-żejt taż-żebbuġa impurtat minn pajjiżi terzi.

5. Regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 u, fejn jixraq, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

#### Artikolu 11a

L-Istati Membri għandhom, safejn ikun jikkonċerna lilhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprovdnu għal sanzjonijiet fil-każ ta' ksur ta' l-arranġamenti ta' l-għajjnuna stabbilita fl-Artikoli 5 u 11.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li hemm provvediment dwarhom fl-ewwel paragrafu hekk kif jadottawhom.

#### Artikolu 12

1. L-aġenziji ta' l-intervent innominati mill-Istati Membri produttori għandhom jixtru, skond ir-regoli adottati permezz tal-paragrafu 4, żejt taż-żebbuġa ta' oriġini mill-Komunità li jkun offrut lilhom mill-produttori jew gruppi ta' produttori jew assoċjazzjonijiet tagħhom rikonoxxuti permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1360/78 f'ċentri ta' intervent fiż-żoni tal-produzzjoni. L-aġenziji ta' l-intervent għandhom jixtru bil-prezz ta' l-intervent. Il-prezz tax-xiri għandu jkun aġġustat permezz ta' skala ta' żidiet u tnaqqis fil-prezz meta d-deskrizzjoni jew il-kwalità taż-żejt offrut lill-aġenziji ta' l-intervent ma jkunux konformi ma' dak li għalih ikun ġie stabbilit il-prezz ta' l-intervent.

Jekk, fuq talba ta' l-aġenzija ta' l-intervent, iż-żejt ikun imwassal f'post apparti milli fiċ-ċentru indikat mill-bejjiegħ meta ssir l-offerta, il-bidla li tirriżulta fil-prezz tat-trasport lix-xerrej għandha tkun meqjusa meta jsir il-pagament.

2. L-aġenziji ta' l-intervent għandhom ibiegħu fil-Komunità iż-żejt taż-żebbuġa mixtri minnhom, permezz tal-kondizzjonijiet hekk li s-suq fl-istadju tal-produzzjoni ma jkunx imfikkell.

3. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta:

- (a) il-kondizzjonijiet li bihom jista' jsir l-intervent matul l-aħħar tliet xhur tas-sena tas-suq;
- (b) il-kondizzjonijiet li bihom l-aġenziji ta' l-intervent jistgħu jbiegħu iż-żejt li xtraw;
- (ċ) il-kriterji li jgħoddu biex ikunu ddeterminati ċ-ċentri ta' l-intervent.

4. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u d-determinazzjoni taċ-ċentri ta' intervent għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

#### Artikolu 13

Biex jixxejnu l-effetti taċ-ċaqliq tal-ħsad fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u b'dan il-mod biex ikunu stabbiliti l-prezzijiet tal-konsumatur, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jenħtieġ li l-aġenziji ta' l-intervent biex jiffurmaw ħażna ta' salvagward taż-żejt taż-żebbuġa; għandu, skond l-istess proċedura, jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-formazzjoni, l-amministrazzjoni u d-disponiment tal-ħażna tas-salvagward.

#### Artikolu 14

1. Meta iż-żejt taż-żebbuġa mhux ittrattat li jidħol fis-subintestatura 15.07 A I tat-Tariffa Komuni Doganali jkun impurtat minn pajjiżi terzi u meta l-prezz tal-bidu jkun oġġla mill-prezz *cif*, imposta egwali għad-differenza bejn dawn iż-żewġ prezzijiet għandha tkun imposta.

2. Il-prezz *cif*, ikkalkulat għall-punt ta' qsim fuq il-fruntiera li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 9, għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi ta' l-aħjar possibbiltajiet tax-xiri fis-suq dinji, il-prezzijiet ikunu aġġustati b'referenza għal xi differenzi li jkun hemm mid-deskrizzjoni jew il-kwalità li biha kien stabbilit il-prezz tal-bidu.

3. Meta l-kwotazzjoni ħielsa fis-suq dinji ma jkunux fatturi determinanti għall-prezz ta' l-offerta u meta dak il-prezz ikun anqas mill-prezzijiet tas-suq dinji, prezz iddeterminat fuq il-prezz ta' l-offerta għandu jkun sostitwit għall-prezz *cif* fir-rigward ta' l-importazzjoni f'dak il-każ biss.

4. L-imposta għandha tkun iffissata mill-Kummissjoni. Il-kriterji biex ikun determinat il-prezz *cif* li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 3 u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 15

1. Imposta għandha tkun imposta fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi taż-żejt taż-żebbuġa li jidħol fis-subintestatura 15.07 A II tat-Tariffa Komuni Doganali; din l-imposta għandha tkun magħmula minn komponent varjabbli li jikkorrispondi ma' l-imposta applikabli għall-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa meħtieġa għall-produzzjoni taż-żejt impurtat, li jista' jkun stabbilit b'rata standard, u komponent fiss biex jipproteġi l-industrija ta' l-ipproċessar.

2. Meta, għal wieħed jew aktar mill-oriġni, il-prezzijiet b'offerta fis-suq dinji għaż-żejt taż-żebbuġa li jidħol taħt is-subintestatura 15.07 A II tat-Tariffa Komuni Doganali ma jkunux jaqblu mal-prezz *cif* li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 14, dan ta' l-aħħar għandu jkun mibdul għall-kalkolazzjoni tal-komponent varjabbli ta' l-imposta bi prezz iddeterminat fuq il-bażi tal-prezzijiet b'offerta imsemmija hawn fuq.

3. Ir-regoli dettalji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 16

1. Meta x-xejra attwali tas-suq dinji fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa mhux trattat ma tistax tkun iddeterminata mill-offerti f'dak is-suq, l-imposta ta' l-importazzjoni fuq il-prodotti li hemm referenza dwarha fl-Artikoli 14 u 15 għandha tkun stabbilita permezz ta' proċedura ta' l-offerti.

2. Il-Kummissjoni għandha perjodikament tistabilixxi r-rata minima ta' l-imposta, billi tqis fost affarijiet oħra r-rati ta' l-imposta indikati minn mill-appaltaturi. Kwalunkwe appaltatur li jkun indika rata ta' imposta ugħali għal jew ogħla mir-rata minima għandu jkun iddikjarat bħala l-appaltatur rebbieħ u għandu jkun obligat li jimporta l-ammont tal-prodott speċifikat fl-applikazzjoni tiegħu bir-rata ta' l-imposta indikata minnu.

3. B'dana kollu, l-importazzjoni li tinvolvi ammonti li m'għandhom l-ebda effett fuq il-qagħda tas-suq m'għandhomx ikunu suġġetti għall-proċedura ta' l-offerti msemmija hawn fuq. F'dak il-każ, l-imposta li trid titħallas għandha tkun l-imposta minima l-altar riċenti stabbilita qabel l-importazzjoni.

4. Meta x-xejra fis-suq dinji fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa mhux ittrattat tvarja skond il-preżentazzjoni taż-żejt, *levies* minimi differenti jistgħu jkunu stabbiliti fil-każ tal-preżentazzjonijiet ikkonċernati.

5. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

6. Ir-regoli dettalji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 17

1. Fil-każ ta' l-importazzjoni taż-żejt minn pajjiżi terzi li jidħlu taħt is-subintestaturi 07.01 N II u 07.03 A II tat-Tariffa Komuni Doganali, imposta mnisla mill-imposta applikabli għaż-żejt taż-żebbuġa permezz ta' l-Artikolu 14 u bbażat fuq il-kontenut ta' żejt tal-prodott impurtat, għandha tkun imposta.

B'dana kollu, il-piż impost ma jstax ikun anqas minn ammont ekwivalenti għal 8 % tal-valur tal-prodott impurtat, dak l-ammont għandu jkun stabbilit b'rata standard.

2. Fil-każ ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti li jidħlu taħt is-subintestaturi 23.04 A II u 15.17 B I tat-Tariffa Komuni Doganali, imposta mnisla mill-imposta applikabli għaż-żejt taż-żebbuġa u bbażata fuq il-kontenut taż-żejt tal-prodott impurtat, għandha tkun imposta.

3. Meta l-Artikolu 16 ikun applikat, *levy* għandha tkun imposta fuq l-importazzjoni tal-prodotti li hemm referenza dwarha fil-paragrafi preċedenti, billi jittieħed akkont ta' l-imposta minima applikabli għall-ammont ta' żejt taż-żebbuġa li jkun hemm f'dawk il-prodotti. B'dan a kollu, fil-każ tal-prodotti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu ta' dak il-paragrafu għandu jkun applikabli.

4. Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien tiffissa l-*levies* li hemm referenza dwarhom f'dan l-Artikolu.

5. Ir-regoli dettalji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-kontenut taż-żejt, li jista' jkun stabbilit b'rata standard, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 18

1. Meta l-Artikoli 14, 15 u 17 (1) u (2) jkunu applikati, l-imposta applikabli għall-importazzjoni għandha dik fis-seħħ fil-jum ta' l-importazzjoni.

B'dana kollu, fil-każ ta' l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(c), l-imposta tista' tkun stabbilita bil-quddiem, fuq talba tal-parti kkonċernata, skond il-kondizzjonijiet adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Ir-regoli dettalji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

## Artikolu 19

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1(2)(c) u fl-Artikolu 17 għandhom ikunu suġġetti għal-preżentazzjoni tal-liċenzja ta' l-importazzjoni.

L-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mill-Komunità għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni.

Meta l-imposta jew ir-rifużjoni tkun iffissata bil-quddiem, l-iffissar bil-quddiem għandu jkun innotat fuq il-liċenzja li sservi bħala dokument ta' sostenn għall-iffissar bil-quddiem bħal dak.

2. Il-liċenzja għandha tinħareġ mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità.

B'dana kollu, meta l-Artikolu 16(1) u (2) jkun applikat, l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzji ta' l-importazzjoni fir-rigward taż-żejt taż-żebbuġa biss lil daww appaltaturi li jkunu indikaw rata ta' imposta ekwivalenti għal jew ogħla mill-imposta minima. Il-liċenzja ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni għandha tkun valida fil-Komunità kollha.

Il-ħruġ ta' daww il-liċenzji għandu jkun suġġett mill-provvediment ta' garanzija li tiggarrantixxi l-impenn li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja; dik il-garanzija għandha tkun issekwestrata kollha jew parti minnha jekk l-operazzjoni ma sseħħx f'dak iż-żmien stipulat jew tkun effetwata biss parzjalment.

3. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38. Dawn għandhom jistabbilixxu t-tul tal-validità tal-liċenzji u jistgħu jispeċifikaw limitu ta' żmien għall-ħruġ tagħhom.

#### Artikolu 20

1. Meta ż-żejt taż-żebbuġa jkun esportat lejn pajjiżi terzi:

- id-differenza bejn il-prezz tal-Komunità u l-prezz dinji tista' tkun koperta b'rifużjoni meta ta' l-ewwel ikun ogħla minn ta' l-aħħar;
- imposta li tkopri d-differenza bejn il-prezz dinji u l-prezz tal-Komunità tista' tkun imposta meta ta' l-ewwel ikun ogħla minn ta' l-aħħar.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jaddotta regoli ġenerali li jirregolaw il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu u b'mod partikolari daww li jikkonċernaw l-għoti tar-rifużjoni, l-piżijiet għall-imposta fuq l-esportazzjoni, l-iffissar ta' l-ammonti tagħhom u, fejn jixraq, l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni.

3. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38.

#### Artikolu 20a

Iż-żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura tal-preservazzjoni tal-ħut u l-ħxejjex għandu jgawdi minn sistema ta' rifużjonijiet tal-produzzjoni jew mis-sostenzjoni parzjali jew sħiħa ta' l-imposta ta' l-importazzjoni.

Ir-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati mill-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

#### Artikolu 20b

1. Jekk għal raġuni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni s-suq tal-Komunità ta' wieħed jew aktar mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(ċ), (d) u (e) iġarrab jew ikun mhedded b'xi xkiel serju li jista' jdgħajjef l-oġġettivi kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri xierqa jistgħu jkunu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm dan ix-xkiel jew it-theddid ta' xkiel ikun intemm.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata proposta mill-Kummissjoni, għandu jaddotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u għandu jiddefinixxi l-każi li fil-limiti tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiehd miżuri ta' protezzjoni.

2. Jekk isseħħ is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' xi Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa; il-miżuri għandhom jiġu mgħarrfa lill-Istati Membri u għandhom ikunu applikabli immedjetament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn għand xi Stat Membru, din għandha tieħu deċiżjoni dwar dan fi żmien 24 siegħa minn meta tirċievi t-talba.

3. Il-miżuri li tkun saret deċiżjoni dwarhom mill-Kummissjoni jistgħu jiġu mgħoddija lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-jum minn meta jkunu kkomunikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Dan jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jemenda jew jirrevoka l-miżuri f'dan il-każ.

#### Artikolu 20c

Fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa, il-gruppi ta' produttori li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KEE) Nru 1360/78 għandhom, sabiex ikunu rikonoxxuti, jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi Regolament kif ukoll:

- ikunu jistgħu jivverifikaw il-produzzjoni attwali tal-membri tagħhom;
- ikunu awtorizzati biex jissottomettu applikazzjoni waħda għall-membri produttori tagħhom kollha;
- ikunu awtorizzati biex jirċievu l-għajnuna u jħallsu lil kull membru s-sehem tiegħu.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/78, ir-rikonoxximent ta' grupp ta' produttori għandu jkun irtirat jekk il-kondizzjonijiet għall-għarfien stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma kinux jew m'għadhomx aktar milħuqa.



*Artikolu 20d*

1. Bħala deroga mill-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1360/78, l-Istati Membri għandhom, għall-perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Novembru 1978, jagħtu l-għajjnuna lill-gruppi ta' produttori rikonoxxuti biex iħeġġu l-formazzjoni tagħhom u biex jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tagħhom, suġġett għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-għajjnuna għandha tingħata għal ħames snin mid-data tar-rikonoxximent tagħhom, u
- (b) l-ammonti għandhom ikunu dawn li ġejjin għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena rispettivament:
- mhux aktar minn 5 %, 4 %, 3 %, 2 % u 1 % tal-valur tal-produzzjoni li hemm li dwarhom ikun jirrigwardja r-rikonoxximent u l-kummerċ;
  - taħt l-ebda ċirkustanza b'eċċess ta' 80 %, 60 %, 40 %, 20 % u 10 % ta' l-ispejjeż attwali fil-formazzjoni u l-amministrazzjoni tal-grupp.

2. Meta l-prezzijiet tas-suq tal-Komunità joqorbu lejn il-prezz ta' l-intervent għall-perjodu li għandu jkun stabbilit, jista' jkun deċiż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 li gruppi ta' produttori rikonoxxuti jistgħu jtemmu l-kuntratti tal-ħażna fir-rigward taż-żejt taż-żebuga li huma jinnegozjaw.

3. Ir-regoli dettaljati għal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 42a tar-Regolament Nru 136/66/KEE għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 42a*

It-Tariffa Komuni Doganali annessa mar-Regolament (KEE) Nru 950/68 hi hawnhekk emendata kif ġej:

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju	
		Persentaġġ awtonomu jew imposta (L)	Konvenzjonali %
1	2	3	4
07.01	N. Żebbuġ		
	II. Oħrajn	7 (L)	—
07.03	A. Żebbuġ		
	II. Oħrajn	8 (L)	—
23.04	A. Mgħaqqad taż-żejt u residwi oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebuga:		
	III. Li jkun fiha 5 % jew anqas bil-piż ta' żejt taż-żebuga	B'xejn	—
	IV. Li jkun fiha aktar minn 3 % bil-piż ta' żejt taż-żebuga	B'xejn (L)	—"

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 1978.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ġunju 1978.

Għall-Kunsill  
Il-President  
S. AUKEN